fil-ħidma u l-kummerċ,
bil-qerq ta' daħk ħajjeni,
bit-tfigħ fl-isptarijiet ta' xjuħ misjura,
bil-biki taċ-ċkejknin — ommhom min hija?
bl-ilsien sabiħ tistħajlu nwar u żahar
li jħallik tgħum bla nifs f'baħar ta' mrar,
bl-imġieba ta' stmerrija
lejn għajrha
inqas setgħana,
inqas felħana
minnha.

Dawn huma oh Madonna, Omm in-Niket,
id-duluri
li tul is-sena kollha sajf jew xitwa
ifarrġu 'l qalbek,
iserrħu 'l ħsiebek
daqs l-oħla u l-isbaħ fjuri!

**Jum id-Duluri,**
**Il-Ġimgħa, 5 ta' April, 1974**

——— o ———

# Żwiemel

**JANE CORTIS**

Żwiemel ilebbtu
fil-bogħod il-bogħod
fuq ramel imdaħħan
fuq qiegħa tirtogħod
tidwi bil-qilla
u tobżoq in-nar
mad-daqqa ħafifa
u tikwi t'elf nagħal

Żwiemel ilebbtu
ilebbtu bla heda
Quddiemhom is-sid
li qatt ma ċeda
warajhom il-baħħ
li qatt ma kien
sidirhom jilgħeġ
għal bidu ta' mkien...

# KIF BDIET U MXIET L-AKKADEMJA TAL-MALTI

**G. ZARB ADAMI**

Fil-ħarġa ta' *Il-Malti* ta' Diċembru, 1972, beda jidher xi tagħrif dwar kif bdiet u mxiet l-Akkademja tal-Malti (Għ. K. M.); f'dak l-ewwel artiklu jien għamilt appell lil kulħadd biex min ikollu xi tagħrif li jien inkun ħallejt barra, x'aktarx għax ma nkunx nafu, igħidli bih, u jien inżidu ma' tiegħi, biex b'hekk jirnexxilna nimlew il-vojt. F'dik l-istess ħarġa tkellimt fuq l-ewwel statut tal- Għaqda, dak li għadda fis-7 ta' Mejju, 1922, u għedt hekk: "kien ikun interessanti ħafna kieku kellna f'idejna dan l-ewwel statut" għax għalkemm kont naf bih, kópja tiegħu ma kenitx ġiet f'idejja.

Wieġeb għal dak l-appell ir-Rev. Professur Patri Serafin Zarb, O.P. meta fost il-karti tiegħu sab kopja stampata ta' l-istatut u l-ismijiet tal-Membri ta' l-ewwel kumitat, ismijiet il jien kont tajt fil-ħarġa ta' *Il-Malti* li ġa semmejt.

Għalhekk, biex jimtela dak il-vojt ser inġib hawn taħt l-imsemmi statut; dan kien fih xi nuqqasijiet żgħar fl-ortografija, x'aktarx ħtija ta' l-istampa:

Għaqda:
Tal-Kittieba tal-Malti

President Onorarju
L-Onor. Prof. Temi Zammit C.M.G., M.D., D.Litt. (Oxon.)

President:
Il-Kav. Ġuże Muscat-Azzopardi, B.M

Viċi - President
L-Onor. Senatur Mons. P. Galea

Segretarju:
Is-Sur F.S. Caruana 19, Strade Reale, il-Belt.

Kaxxier:
L-onor. Arturo Mifsud, M.L.A. 44e Piazza Paula, Casal Paula.

Membri:
Il-Prof. Mons. C. Psaila — s-Sur Nin Cremona — s-Sur Ġuże Demajo, P.L. — s-Sur Rogantin Cachia — s-Sur Ġuże Micallef — s-Sur Vinċenż Mifsud-Bonnici

L-ISTATUT:
Mgħoddi mil-laqgħa tas-7 ta' Mejju, 1922.

**I. Art.** L-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti twaqqfet biex: